MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2013

Numru. 210/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR YVONNE FARRUGIA**

**VS**

**ABRAM GRIMA**
**LUIGI VELLA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Abram Grima, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 670943 (M) u l-imsemmi Luigi Vella, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 328754 (M).

**Akkuzati talli:**

Fis-sena 2008 u fis-snin ta` wara, f'dawn il-Gzejjer b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamlu uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi inqdew b'qerq iehor, ingann, jew billi urew haga b'ohra sabiex igieghlu jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hiola jew setgha fuq haddiehor jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamlu qliegh b'qerq ta` aktar minn elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-deteriment ta` Jacqueline Bonett, detentrici tal-Karta tal-Identita` numru 104569 (M).

U b'hekk Abram Grima sar recidiv a termini ta` l-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta b'diversi sentenzi moghtija minn diversi Qrati ta` Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta` spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li rat l-Artikoli 18, 308, 309, 310 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputati Abram Grima u Luigi Vella huma t-tnejn akkuzati talli, fis-sena 2008, illegalment ghamlu qliegh b'qerq ta` aktar minn elfejn tlett mija disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-deteriment ta` Jacqueline Bonett. Huma akkuzati li ghamlu dan il-qliegh billi holqu *messa in scena* illi huma kienu sid ta` post vojt fil-Birgu (Luigi Vella) u l-habib tieghu (Abram Grima) u li dan il-post huma ghaddewh lil Jacqueline Bonett illi, f'dak il-hin, kienet minghajr saqaf taht rasha b'titolu ta` kera, meta huma ma kienux sidien u dana huma kienu konxji ta` dana l-fatt, u skambju ta` rigal monetarju ta` tlett elef ewro (€3,000).

Illi f'dina l-kawza xehdu s-sussegwement xhieda:

1. Spt. Yvonne Farrugia: Dina, bil-gurament taghha, tikkonferma dak kollu li ntqal fuq stante li dina hija l-verzjoni kollha rrakkuntata minn Jacqueline Bonett;

2. Jacqueline Bonett: Dina, bil-gurament, tikkonferma l-verzjoni li hija kienet tghat lill-awtoritajiet investigattivi u bl-istess gurament tikkonferma li hija kienet ghaddiet l-ammont ta` tlett elef Lira Maltin (LM3,000) jew sebat elef ewro (€7,000) f'idejn l-imputati bhala rigali ta` dina l-lokazzjoni. Hija tkompli tghid illi l-ewwel li kien talabha dan ir-rigal kien l-imputat Abram Grima izda qalilha "skuzani, jiena tlett t'elef Lira Maltin (LM3,000) pero dawn mhux ghalija". Dina l-lokazjoni, saret permezz ta` skrittura privata redatta minn avukat kwalifikat datata 7 ta` Lulju 2008 u esebita f'dawn l-atti iffirmata minn Bonett u l-imputat Vella fejn huwa diskritt bhala s-sid. U dina l-lokkazjoni saret bil-kera anwali ta` tlett mija u hamsin ewro (€350) fis-sena. Giet ukoll esebita ricevuta ta` tlett mija u

hamsin ewro (€350) rapprezentanti sena kera  bejn is-7 ta` Lulju, 2009, sa 7 ta` Lulju, 2010, u cioe` ta` sena sussegwenti ghas-sena 2008. Lulju, meta giet iffirmata l-iskrittura ta` lokazzjoni. Ir-rigal ma jissemmiex f'dina l-iskrittura. Skont Bonnet, dan ir-rigal ghadda f'idejn l-imputat Vella u t-tifel tieghu Richard. L-imputat Grima kien prezenti wkoll kif ukoll kienu prezenti Dunstan Attard, it-tifel ta` Bonett u l-*girlfriend* tieghu. Meta huma kienu wahedhom, wara li ffirmaw l-iskrittura privata ta` lokazzjoni, gewwa l-post mikri u cioe` 'Door 2', Triq Sant'Andrija, Bormla. Din kienet l-ahhar darba li Bonett rat lill-imputat Vella. Qatt ma ratu iktar! Illi gie esibit ukoll ktieb tal-kera ta` dana l-fond li tfacca wara li Bonett talbet lil Abram Grima ghal wiehed stante li hija kellha bzonnu sabiex tapplika ghad-dawl u l-ilma. Illi Bonett tirrakkonta li hija saret taf b'dan l-ingann ghaliex hija kienet giet avvicinata mas-sidien propja tal-propjeta` minnha okkupata li avzawha b'dan. Sussegwentement, huma kienu ghamlu att korrettorju ma` Bonett u ssanaw it-titolu ta` lokazzjoni difettuz taghha. Hija bdiet tgawdi kera legali. Illi, sa l-ahhar, l-imputat Abram Galea baqa` jinsisti li l-post huwa taghhom.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll illi dan il-fond gewwa Bormla kien ghamel zmien twil kompletament abbandunat u billi dana l-fond kien jikkonsisti f'appartament go blokka ta` appartamenti fejn kienu joqghodu n-nies fosthom Abram Grima u membri ohra tal-familja tieghu, l-abbandun ta` dan il-fond kien qieghed jikkawza problemi ta` sahha lill-okkupaturi l-ohra tant illi l-imputat u l-familjari hassu l-bzonn illi jaghmlu xi haga dwar il-problema. Wara illi pruvaw jaghmlu kuntatt mas-sidien propja tal-appartament bla success, huma ddecidew sabiex itaffu l-problema sanitarja li l-abbandun ta` dan l-appartament kien qed jikkawzalhom, hadu r-riedni f'idejhom, meddew idejhom u rrangaw kemm setghu dana l-appartament a spejjez taghhom. Meta tlesta, dana l-appartament kien gie uzat minn oht Luigi Vella ghall-sentejn mar-ritorn taghha Malta mill-Ingilterra u sena ohra kien gie uzat bhala residenza minn Richard Julian, bin Luigi Vella.

Illi z-zewg imputati jammettu li l-kera intqassmet bejniethom u nzammet minnhom bhala kumpens ghax-xoghol u spejjes illi huma ghamlu gewwa l-appartament mitluq. Izda jinnegaw li qatt hadu rigal.

Illi xehdu wkoll Maurice Scifo Diamantino u Anton Camilleri, is-sidien propja tal-fond mikri li t-tnejn jikkonfermaw illi sabu lil Jacqueline Bonett tokkupa illegalment il-fond propjeta` taghhom u illi, illum, huma ssanaw il-pozizzjoni taghha.

Illi xehed it-tifel ta` Jacqueline Bonett, Dunstan Attard u Rosanne Micallef, il-*girlfriend* tieghu, li t-tnejn li huma kienu prezenti fl-ufficju tal-avukat fejn giet iffirmata l-iskrittura privata u ghaddiet l-ewwel sena kera u iktar tard, fid-dar li kienet kriet ommu gewwa Bormla fejn ghaddew is-somma ta` tlett elef Lira Maltin (LM3,000) li inghataw liz-zewg imputati dak in-nhar prezenti kif kien prezenti wkoll iben l-imputat Luigi Vella, Richard Julian. Oht Jacqueline Bonett, Crystal, tiddikjara li taf li ohtha kellha tissellef il-flus ghax ma kelliex tlett elef Lira Maltin (LM3,000) biex thallas. Filfatt kienet hi li selfitha dawn il-flus biex wara tehodhom lura minghand il-genituri taghhom, haga li kkonfermata mill-BOV fejn jirrizulta li hija zbankat l-ammont ta` sitt t’elef disgha mija u tmienja u tmenin (€6,988) fit-3 ta` Lulju. Crystal, filfatt, hadet dawn il-flus lura minghand missierha. Vide xhieda John Bonnet. Illi xehdet Doris Lofreda u Fiona Schembri, ex-habiba ta` Jacqueline Bonett, illi introduciet lil Bonett u lill-imputat Abram Grima ghaliex Jacqueline Bonett ma kelliex fejn toqghod u fejn traqqad it-tfal taghha.

Illi l-imputati wkoll hadu l-pedana tax-xhieda u kkonfermaw l-andament ta` dina l-vicenda fl-interjeta` taghha izda, jichdu, kategorikament illi huma hadu rigal ta` tlett elef Lira Maltin (LM3,000).
Illi dina l-Qorti hija konvinta li l-affarijiet graw ezattament kif iddeskrivew il-partijiet li taw il-kontribut taghhom billi

xehdu f'dina l-kawza u cioe` li Jacqueline Bonnet u z-zewg itfal taghha sfaw minghajr saqaf fuq rashom u, fil-ghagla tal-mument, tramite l-introduzzjoni ta` Fiona Schembri u Doris Lofreda, hija ltaqet ma` Abram Grima li pprezenta ruhu bhala habib ta` persuna, li, bhala sid, appuntu kellu appartament ghal kiri. Dan il-habib kien Luigi Vella.

Illi dana l-appartament kien *proprio* dak l-istess appartament illi kien fil-blokk ta` appartamenti fejn kien joqghod l-istess Abram Grima u familjari ohra tieghu li, ghal zmien twil, kien gie kompletament abbandunat mill-inkwilini precedenti tieghu u spicca bhala theddida sanitarja lill-inkwilini l-ohra li jghixu fl-istess blokk. Illi Grima prova javza lill-Awtoritajiet tal-*Housing* f'dana l-periklu sanitarju izda ma sabx ko-operazzjoni tant illi huwa u Luigi Vella, imhallat mieghu bi zwieg, iddecidew illi jaghmlu huma t-tindif u riparazzjonijiet mehtiega f'dan l-appartament abbandunat. Milli jidher, dan ix-xoghol ma kienx xi *granche* li John Bonett, missier Jacqueline ikkonsiljaha sabiex ma tiehdux dan l-appartment imma l-istess haditu.

Illi meta Grima u Vella lestew dana l-appartment, huma tawh lill-oht Vella li kienet irritornat lura Malta u wara sentejn okkupazzjoni taghha, l-appartament ghadda ghal sena fil-pussess ta` ibnu Luigi, Richard Julian li ghex fih ghall-perjodu ta` sena.

Illi huwa meta Richard Julian telaq mill-post u l-appartament ghadu mhux fi stat adekwat, illi tfaccat Jacqueline Bonett.

Id-difiza qiedgha targumenta li l-imputat qatt ma hadu rigal illi allegat Jacqueline Bonett li hadu. Jammettu li waqt illi l-patrocinati dahlu abusivament gewwa l-appartament abbandunat, dan ghamluh sforz ta` necessita` u minhabba li huwa ma inghatawx widen mill-Awtoritajiet tal-

*Housing* u minhabba r-ragunijiet pressanti ta` sanita` u sigurta` li dana l-appartament abbandunat kien qed jikkawza.

Kieku l-imputati waqfu hemm, alavolja li dak li ghamlu huwa kontra l-ligi wiehed kien, pjuttost, johloq ghajn wahda u jhalli l-kwistjoni *in abeyance* sakemm il-propjetarji skont il-ligi jindunaw bl-*istatus quo* u jiehdu dawk il-passi legali xierqa sabiex jissanaw is-sitwazzjoni. Izda, l-affarijiet marru ferm oltre bl-imputat Luigi Vella jipproponi ruhu bhala sid il-post u, sahansitra, jidher fuq skrittura f'dina l-kariga u l-imputat Abram Grima jipproponi ruhu bhala *middleman* mas-sid tal-appartament, jakkumpanjah ghal fuq l-iskrittura ta` lokazzjoni u jaghmilha ta` *go-between* bejn l-inkwilina Jacqueline Bonett u s-sid Luigi Vella. Hawn, precizament, hija l-messa in scena li tant ilmentaw id-difiza li ma tezistix! Propju hawn!

Illi, wkoll, wiehed, forsi, jista` jaghlaq ghajnejh jekk l-imputati zammew l-ammont ta` seba` mitt ewro (€700) imhallsa minn Bonett bhala kera akkost tax-xoghol li suppost ghamlu fl-appartament abbandunat alavolja jidher illi missier Jacqueline Bonett, John Bonett ma tantx kien impressjonat bil-kwalita` tax-xoghol minnhom maghmul. Izda l-Qorti zgur ma tistax talaq ghajnejha ghar-rigal ta` seba` t'elef ewro (€7,000) mhallsa. Dina l-Qorti ma ghandha l-ebda dubju dwar dan mhux biss minhabba x-xhieda ta`:

1. Jacqueline Bonett;
2. Crysal Bonett;
3. John Bonett;
4. Darren Attard;
5. Rosanne Micallef

izda, iktar u iktar, minn dik ta` Remuald Attard, raprezentant tal-BOV illi xehed illi, fit-3 ta` Lulju, giet zbankata is-somma ta` sitt t'elef ewro disa` mija u tmienja u tmenin ewro (€6,988) mill-kont ta` Crystal. Dana

selfithom lil Jacqueline kif hija stess xehdet sabiex thallas ir-rigal rikjest u li sussegwentement gew lilha rifusi minn missierha, John, kif propju xehed hu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti hija konvinta li l-akkuza primarja tal-Prosekuzzjoni kontra z-zewg imputati giet ipprovata u dan oltre kull dubbju ragonevoli.

Il-Prosekuzzjoni ma gabitx il-prova ta` ricediva fil-konfront tal-imputat Abram Grima u, kwindi, tilliberah minn dina l-akkuza.

Fir-rigward tal-piena l-Qorti, wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, qieghda tikkundanna lill- imputati ghal sena (1) prigunerija izda tordna li, a tenur tal-artikolu 28(h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, dan it-terminu ma jigix servut sa zmien sitt (6) xhur mill-lum jekk huma jhallsu l-ammont ta` tliet elef Lira Maltin (LM3,000) jew sebat elef Ewro (€7,000) lura lil Jacqueline Bonett. Sospiza ghal sentejn (2). Din is-sentenza qed tinghata bil-patt li jekk l-imputati jikkommettu reat iehor punibbli b’habs fi zmien sentejn (2) millum, il-perjodu ta` sena (1) prigunerija ghandu jigi effettiv.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------